

# il-hajja ta' kristu gesu'

## GESU' IFEJJAQ LIL GHAMA TA' BETSAJDA PIETRU JWIEGEB MISTOQSIJA TA' FIDI

**Matt. 16:13-28; Mark 8:22 -25; Luqa 9:18-27**



Hdejn Betsajda, rahal hdejn il-Bahar, kien jghix ragel ghama. Sema' kif Gesu' kien ifejjaq lil kull minn kien marid, sahansitra kien jaghti dawl lil ghomja.

“Ghaliex lili le? “ qal bejnu u bejn ruhu. “Kemm nixtieq niltaqa' ma' dan Gesu'”.
Jum wiehed sema' li Gesu' flimkien mat-tnax-il appostlu kienu gew Betsajda. Talab lil xi hbieb biex johduh ghand l-Imghallem ta' Nazaret. L-ghama talab lil Gesu' biex imissu ghax ghalih b'dan il-gest kien ifiq u jigi jara.

Gesu' hadu 'l barra mill-villagg, ghamel xi bzieq fuq ghajnejn l-ghama u staqsih

jekk kienx qed jara. Wiegeb l-ghama: “ Kieku qed nara xi nies jidhru bhal sigar qed jiccaqilqu.”

Ghal darb’ohra Gesu’ messlu ghajnejh u l-ghama gie jara.

Minn hawn Kristu mar lejn Cesarea ta’ Filippu u fit-triq staqsa lid-dixxipli tieghu min jghidu n-nies li kien.Min qallu li kien Elija l-profeta, min qallu li kien Giovanni l-Battista li qam mill-mewt. Imma Kristu ried ikun jaf min jghidu li kien hbiebu stess.

U Pietru qam dritt, dritt u kollu kuragg wiegeb : “Inti Kristu Bin Alla l-Haj.”

Gesu’ fahhar lil Pietru ghal din l-istqarrija hekk ta’ fidi kbira. Kristu widdeb lil appostli biex ghal dak il-hin jibqghu siekta fuq din il-verita’ billi z-zmien biex din il-verita’ tkun imxandar ma’ l-erbat irjieh tad-dinja kien ghadu ma wasalx.

Ghadda xi zmien u Kristu beda’ jkellem lil appostli tieghu fuq kemm kellu jbati minn niesu stess billi dawn kienu ser jikkundanawh u jaghtuh il-mewt, imma mat-tielet jum iqum mill-imwiet. Pietru qabez u qal lil Imghallem Gesu’: “ Ma jkun qatt li jigrilek dan.”

Gesu’ tah harsa serja u qallu: “ Itlaq minn hawn ja xitan. Inti qed titkellem bhal Satana u kliemek xejn ma joghgob li Alla.”

Pietru siket u ghalaq halqu. Hadd mill-appostli ma seta’ jifhem.

Imbaghad kellem lin-nies u qalilhom: Min irid jigi warajja jichad lilu nnifsu, jerfa’ salibu kuljum u jimxi warajja. Min irid isalva lil hajtu jitlifha, u min jitlef il-hajtu minhabba fija, jsalvaha. U x’jiswiehlu l-bniedem li jakkwista l-gid tad-dinja kollha u mbaghad jitlef ruhu?

**RIFLESSJONI**

Kien ehfef ghal Gesu’ li joqghod fuq tron u kulhadd isellimlu bhal sultan. Imma Gesu’ gie gie jaghmel ir-rieda ta’ Missieru, jigifieri li jbati u jmut biex isalva lill-bnedmin mit-telfin ta’ dejjem.

U lil min ried jimxi warajha qallu x’ghandu jaghmel.

Irid jerfa’ is-salib tieghu, jigifieri jbati u jbati kuljum. It-tbatija trid tkun li ahna nsofru bil-pacenzja dak kollu li jkun kontra l-qalb taghna, jew is-sahha taghna, jew ix-xewqat taghna.

Hekk biss inkunu appostli ta’ Kristu.